# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 60

**It-Tlieta 10 ta' Jannar 2017**

Il-Kunsill Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Sannat, Ta' Sannat, fis-1.45 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Joseph Bajada – Kunsillier
Maria Cassar Sultana – Kunsilliera
Margaret Said – Kunsilliera

Kasy Mercieca - Ambaxxatriċi għaż-żgħażagħ

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

# AĠENDA NRU. 60

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru 59/2016
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Performance Bonus tal-impjegati;
4. Il-Karnival f'Ta' Sannat 2017;
5. Jum Sannat – Premju Ġieh Sannat 2017;
6. Komunikazzjoni mis-Sindku;
7. Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv;
8. Ilmenti u Suġġerimenti;
9. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
10. Aġġornament.

## Minuti

Is-Sindku Philip Vella ippresjeda l-laqgħa.

## 60.1 Qari u approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru. 59 - 2016

60.1.1 Il-Laqgħa bdiet fis-1.45 p.m., wara ntqalet it-talba tal-bidu.
Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal Minuti tal-laqgħa preċendenti Nru. 59 – 2016 li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. B'hekk wara dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 60.2 Punti mqajma mill-Minuti

60.2.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xogħolijiet li kellu jlesti l-Kuntrattur Road Construction Ltd. fuq it-trinek li għadda cable minn diversi toroq Triq it-Tin, Triq Saguna, Triq il-Kbira, Triq l-10 ta' Ottubru 1942, Triq Gerxija u Triq Żabbetta mill-kumpanija Solar Power issa sar. Is-Sindku qal biex fi Triq Żabbetta fejn tqattat trinka mill-W.S.C. hemm pedamenti ta' ħajt tas-sejjieħ u biex il-Kunsill jibni dan il-ħajt bil-kantun. Il-Kunsill għandu jitlob lill-Perit biex jara jekk dan hux possibli. Apparti dan hu qal ukoll li Triq Gerxija ser issir minn T.M. Għawdex flimkien mall-MGOZ.

60.2.2 Is-Sindku qal lill-Kunsill li l-iffirmar tal-kuntratt mad-Direttur tal-Active Ageing & Community Care Directorate fis-Segretarjat ta' l-Onor Justyne Caruana għal użu tas-Sala tal-Kunsill ġie ffirmat nhar il-Ġimgħa 6 ta' Jannar 2017 u li dan is-servizz ser jibda jopera dalwaqt f' Ta' Sannat. Hu qal ukoll li l-Kunsill ġie mitlub l-għajnuna mis-Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilta' u Anzjanita' Attiva biex nhar is-Sibt 14 ta' Jannar 2017, fl-10.00 a.m., fis-sala tal-Kunsill jgħamel użu mis-sala tal-Kunsill biex issir laqgħa ta' tagħrif dwar il-ħafna miżuri li tħabbru fil-baġit għal kulħadd u l-iktar għall-anzjani u għall-persuni b'diżabilta'.

60.2.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li mill-envelopes li nġabru fil-Knisja Parrokkjali għal ġbir ta' fondi b'risq il-Malta Community Chest Fund is-somma miġbura kienet ta' €463. Uffiċjal mill-uffiċċju tal-President ġabret din is-somma. L-Arċipriet avża b'din is-somma fuq il-Bulletin tal-Parroċċa ta' nhar il-Ħadd 25 ta' Diċembru 2016.

## 60.3 Performance Bonus tal-Impjegati

60.3.1 Is-Sindku ressaq il-Performance Bonus ta' l-Impjegati għas-sena 2016 għal approvazzjoni tal-Kunsill. Dawn ġew approvati b'dan il-mod:
Is-Segretarju Eżekuttiv Jason Curmi ġie mogħti 10%
L-Iskrivana Geraldine Mercieca ġiet mogħtija 6%
Is-Sindku flimkien mall-Kunsillieri preżenti rringrazzjaw lill-impjegati tax-xogħol kemm dak eżekuttiv u dak amministrattiv li sar matul is-sena 2016. Fil-kas tas-Segretarju Eżekuttiv, l-Appraisal Report u Performance Bonus 2016 ser jintbgħat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-approvazzjoni tad-Direttur.

## 60.4 Il-Karnival f' Ta' Sannat

60.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li hu rċieva xi talbiet permezz ta' imejls biex jekk bħal kull sena l-Kunsill jorganizza il-Karnival f'Ta' Sannat dawn il-kumpaniji huma lesti li jipparteċipaw. Dawn huma:

Għaqda Dilettanti tal-Karnival bi spettaklu ta’ 24 minuta ta żfin u kostumi, fejn qed jitolbu l-ħlas ta’ €500.
3RIO Carnival Dance Company bi spettaklu ta’ 12 il-minuta ta’ żfin u kostumi, dawn qed jitolbu l-ħlas ta €250.
Soċjeta Filarmonika Santa Marija Sezzjoni Żgħażagħ – kumpanija hilarious fejn qed jitolbu l-ħlas ta €120 iżda l-Kunsill qed jaqbel li joffri €70.
Għaqda Kummittiva Għawdex ukoll bgħatet imejl.
Drew & Co Carnival Company – bil-maskli grotteski.

Il-Kunsill qabel li l-ewwel 3 kumpaniji dik tal-Għaqda Dilettanti tal-Krnival, 3RIO Carnival Dance Company u l-kumpanija hilarious tas-Soċjeta Filarmonika Santa Marija ser jipparteċipaw fil-Karnival ta’ din is-sena li ser jsir nhar it-Tnejn 27 ta’ Frar 2017, fis-6.30 p.m., fil-Pjazza Santa Margerita. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob lil Kav. Joe M Attard biex jippreżenta din is-serata. Il-Kunsill għandu jaħseb li jikri PA system u l-għajnuna tal-Pulizija biex tingħalaq Triq Ta’ Ċenċ il-parti t’isfel u Pjazza Santa Margerita. Ser jiġu mistiedna il-grupp folkloristiku Ta’ Seguna Folk Group biex ikomplu jallegraw lil pubbiku preżenti bid-daqq tagħhom. Għandha issir kompetizzjoni tal-aħjar 5 maskarati spontanji fejn il-premijiet ser ikunu cash prize fejn fl-ewwel post jingħata €50, it-tieni post €40, it-tielet €30 u r-raba’ u l-ħames jingħataw €10 u €10 lil kull parteċipant. Il-Kunsill qabel li jgħamel poster għal ħwienet u titqassam bieb, bieb.

## 60.5 Jum Sannat – Premju Ġieh Sannat 2017

60.5.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li din is-sena Jum Sannat, it-28 ta’ April ser jaħbat nhar il-Ġimgħa għalhekk għanda tintbgħat ittra lis-Soċjeta’ Mużikali Santa Margerita biex isir programm mużikali għal waqt din is-serata fl-okkażżjoni ta’ Jum Sannat fejn waqt din is-serata jingħata l-premju Ġieh Sannat 2017. F’każ li is-sojċeta’ ma taċċettax it-talba tagħna l-Kunsill ittella’ attivita’ varjata’ bil-parteċipazzjoni ta’ talent lokali. Il-Kunsill għandu jinforma lir-residenti bl-applikazzjoni għal dan il-premju presituġġjuż fil-lokalita’. Il-bord ta dan il-premju ser ikun kompost mill-Viċi Sindku bħala Chairperson u l-membri l-Kunsillier Joseph Bajada u l-Kunsilliera Margaret Said. Għal din is-serata ser jiġi mitlub lill-Kap tal-iskola Primarja Ta’ Sannat biex din is-serata ssir fis-sala tal-iskola.

## 60.6 Komunikazzjoni mis-Sindku

60.6.1 Is-Sindku qal il-Kuntrattur Gatt Tarmac Ltd mqabbad mill-Ministeru għal Għawdex għadu għaddej bit-tkomplija tax-xogħolijiet fuq il-wiċċ il-ġdid bit-tarmak fi Triq Ta’ Ċenċ il-parti t’isfel, fejn bħalissa għadhom qed jgħaddu is-servizzi tal-ilma l-ġodda.

60.6.2 Is-Sindku qal li l-istudenti mill-Gozo College Middle School żaru r-raħal biex iwettqu l-proġett bl-isem “Kreattiv Project” li jikkonsisti f’pittura mural fl-iskola stess minn xi ħaġa li tolqothom f’kull raħal f’Għawdex. L-għalliema nfurmat lill-Kunsill li lit-tfal laqtuhom ħafna l-kalkara tal-ġir u x-xogholijiet tal-biżżila kif kien spjegat lillhom. Is-Sindku qal u rringrazzja lis-Sur George Azzopardi tal-għajnuna li ta lil dawn l-istudenti dakinhar li ġew fil-lokal Ta’ Sannat fejn tahom tagħrif informattiv ħafna dwar ir-raħal Ta’ Sannat

60.6.3 Is-Sindku fakkar lill-Kunsill li kien rċieva imejl mingħand d-DLG dwar programm Għaqal id-Dar – il-Ħajja tkun aħjar bil-kollaborazzjoni bejn il-Ministeru tal-familja u soledarjeta’ Soċjali flimkien mas-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali. Hu qal li wara li l-Kunsill applika għal interess tar-residenti Ta’ Sannat dawn il-laqgħat ser jibdew isiru f’ April li ġej fis-sala tal-Kunsill għadu ser jiġi stabbilit il-ġurnata u l-ħin.

60.6.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-kumpanija WEEE Malta qed tissuġġerixi li l-Kunsill ikun armat bi trolly ta' madwar metru kubu biex fih jinġabar materjal bħal mobile phones, radios eċċ. Il-Kumpanija GreenPak ukoll kitbet lill-Kunsill dwar dan fejn qalet li matul din is-sena ser tniedi skema simili. Il-Kunsill qabel biex jkompli juża lill-kumpanija GreenPak li magħha diġa għandu kuntratt. Is-Sindku qal ukoll li ser jerġa jitlob laqgħa mill-kumpanija GreenPak għal inizzjativa b'inċentiv biex ir-residenti jirreċiklaw aktar u bl-aħjar mod. Is-Sindku fakkar lill-Kunsill li l-kumpanija GreenPak laqgħet it-talba tal-Kunsill biex fejn hemm il-bring-in-site ta' Triq Durell u Triq Ta' Bebunaq ser jiġu nstallati CCTV cameras mill-Kumpanija biex jimmoniterjaw dawn is-siti biex ma jkunx hemm abbużi ta' reċiklaġġ mhux xieraq. Dwar dak ta Triq Xamgħan, is-Sindku qal li l-Kumpanija ssuġġerit li dan jiġi eliminat u l-konteninturi jitpoġġew fi Triq Durell. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni dwar dan.

60.6.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-ġimgħa l-oħra kiteb lis-Segretarju Permaneneti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex dwar l-istat ta' Triq Sannat fejn talbu l-urġenza biex din it-triq tingħata prijorita u jitkompla l-water culvert minn ħdejn il-Bank of Valletta. Hu qara l-imejl datata 5 ta' Jannar 2017 li bgħat biex il-Kunsill ikun infurmat b'dak li nkiteb. Is-Segretarju Eżekuttiv ġie mitlub ukoll biex jikteb lill-Ministru għal Għawdex biex il-Kunsill jitlob laqgħa miegħu dwar din it-triq.

60.6.6 Is-Sindku qal li dwar ir-rampa għal persuni bi bżonnijiet speċjali li għandha ssir fl-entratura tal-Playing field fi Triq Marziena, il-perit ġie fuq il-post u għandu jgħati stima ta' kemm ser tiġi tiswa din ir-rampa bil-konkos stenciled.

60.6.7 Is-Sindku nforma lill-Kunsill flimkien ma l-ambaxxatriċi tal-Kunsill biex nindagaw ftit mall-MEUSAC kif il-Kunsill jkun jista jgħamel Youth Exchages.

60.6.8 Is-Sindku qal li saret trinka tad-drenaġġ fi Triq Saguna u li din saret fil-parti tan-nofs ta din it-triq. Peress li l-kuntrattur qatta nofs it-triq is-Sindku qal li din għandha tingħata b'wiċċ ġdid kollha biex it-triq ma tiġix mraqqa. Il-Kunsill għandu jitkellem mall-Perit biex jara xi spejjes hemm u l-Kunsill juża l-kuntratt tal-patching u l-kuntrattur iħallas l-parti tiegħu.

## 60.7 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

60.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-ammont ta' €12004.82 ġew depositati mid-DLG fil-kont bankarju tal-Kunsill, għat-toroq li kienu ngħataw wiċċ ġdid bit-tarmak bil-iskema tal-Public Private Partnership u b'hekk il-Kunsill issa jista jħallas lill-Kuntrattur Gatt Tarmac Ltd., l-40% f'din is-sena għat-toroq ta' Triq il-Falkun, Triq l-10 ta' Ottubru 1942 u Triq Pisoniano li saru bil-kuntratt tal-PPP. Il-Kunsill qabel li dan għandu jitħallas l-40%.

60.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li rċieva mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li nhar is-Sibt 4 ta' Marżu 2017 ser issir il-Laqgħa Plenarja.

60.7.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali bgħat lill-Kunsilli dwar Emendi għar-regolamenti dwar il-Liċenżji tal-Kummerċ (L.S.441.07) dwar (Trading Licences Regulations).

60.7.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali nfurmat lill-Kunsilli dwar it-tiġdid tal-assikurazzjoni tal-flus 2017. Il-Kunsill qabel li jħallas din l-assikurazzjoni.

60.7.5 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali nfurmat lill-Kunsill dwar il-Group Health Insurance Policy 2017. Il-Kunsill ma ħax deċiżjoni dwar dan.

60.7.6 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li d-durezza tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv spiċċat peress li dan beda f'Settembru 2016 u għalhekk il-Kunsill hu mitlub li iġedded jew jaħtar Deputat Segretarju Eżekuttiv. Dwar dan ma kienx hemm deċiżjoni.

60.7.7 Is-Segretarju Eżekuttiv reġa talab lill-Kunsill li hemm il-ħtieġa li fl-operat tal-Uffiċċju tal-Kunsill jiġi ngaġġat uffiċjal ieħor kif stipulat bil-liġi peress li l-volum tax-xogħol qed dejjem jiżdied. Dwar dan ma kienx hemm deċiżjoni.

60.7.8 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li hu nkluż ma l-istaff qed jitlob li jsiru CCTV cameras fl-uffiċċju tal-Kunsill. Dan peress li l-uffiċjali ma jkunux qed jaraw min ikun dieħel mill-bieb ta' barra. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni dwar dan u għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv ser jitlob stima dwar dan.

60.7.9 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularitajiet u Direttivi mibgħuta mid-DLG u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri b'permezz tal-imejl. Dawn huma-

Ċirkularijiet:

| | |
|---|---|
| Nru. 49/2016 | Inizjattiva ta' Taħrig –Tisħiħ fil-Kitba Maltija |
| Nru. 50/2016 | Sejħiet għall-Offerti / Kuntratti dwar manutenzjoni tad-Dawl fit-Toroq |
| Nru. 1/2017 | Funzjoni dwar iż-Żamma fi Stat Tajjeb u Manutenzjoni tat-Toroq |
| Nru. 2/2017 | Tqiegħid ta' CCTV Cameras f' Latrini Pubbliċi |

Direttivi:

| | |
|---|---|
| Nru. 5A/2016 | Irtirar ta' Direttiva Nru 5/2016 u Sostituzzjoni tagħha |

## 60.8 Ilmenti u Suġġeritmenti

60.8.1 Is-Sur u s-Sinjura McGoey ilmentaw li wara li saru x-xogħolijiet tat-trinek fi Triq il-Kbira hemm il-ħtiega li din it-triq terġa tiġi rrangata biex tiġi fl-aħjar stat. Is-Sindku qal li dan ix-xogħol qed isir mill-kuntrattur responsabbli u fil-ġimgħat li ġejjin dan ix-xogħol ser ikun lest.

60.8.2 Is-Sur Roger Mifsud ilmenta dwar xkorta bajda mbarazz fuq il-bankina ta Kensington Court u li qatt ma nġabret b'detriment li din qed tkerrah it-triq. Is-Segretarju Eżekuttiv qabbad lill-Kuntrattur responsabbli mill-indafa fit-toroq biex din titneħħa.

60.8.3 Il-Kuntrattur tal-Ġbir tal-Bulky qed tispiċċa tiġi mqabbda mill-Kunsill tnaddaf u tiġbor materjal goff peress li persuni rresponsabbli qed iwaddbu mbarażż ħdejn il-bins tal-bring-in-site. Is-Sindku qal li dan mhux sew u li nittamaw li fil-qrib jkollna c-CCTV cameras biex dan ma jsirx.

60.8.4 Is-Sindku qal li ġie mitlub minn residenti biex ssir bożża fi Triq il-Pinnur u oħra fi Triq Dun Luqa. Il-Kunsill għandu jkellem lill-Kuntrattur Galea Curmi Engineering Consultants biex jgħamel ir-rapport ta dawn it-talbiet mar-Reġjun biex jara jekk dan hux possibli li jsir.

60.8.5 Il-Kunsillier Bajada ilmenta li hemm ħofra fi Triq Saguna quddiem dar Nru 54. Hu kompla jgħid li din it-triq li saret fl-1999/2000 il-wiċċ bit-tarmak ħadu l-ilma tax-xita u ser ikun il-kaġun li din it-triq tiġġarraf. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jinforma lill-Perit biex jgħati l-parir tiegħu dwar dan. Is-Sindku qal li quddiem il-garaxxijiet tal-Laj fi Triq Saguna hemm

ukoll xi ħofor. Il-Kunsill qabel li għandu jippeċja dawn il-ħofor.

60.8.6 Is-Sinjura Maria Muscat talbet biex is-siġar tal-ficus li hemm fi Triq il-Kbira jinżabru peress li dawn kibru u qed iwaqqgħu ħafna weraq. Il-Kunsill qabel li dawn jinżabbru fiż-żmien adattat.

60.8.7 Is-Sindku qal li s-Sur Jonathan Muscat qed jitlob lill-Kunsill biex faċċata tad-dar tagħhom Gospier, Triq tal-Gruwa jsiru double yellow lines. Il-Kunsill qabel ma din it-talba u se jibgħat din it-talba lill-Transport Malta

## 60.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

60.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti Nru. 1/2017 biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż ma dawn il-minuti tal-laqgħa.

## 60.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

60.10.1 Il-laqgħa intemmet fit- 3.08 p.m.u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 20 ta' Frar 2017, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum it-Tnejn 20 ta' Frar 2017

| | |
|---|---|
| **(iffirmata)** | **(iffirmata)** |
| Philip Vella<br>Sindku | Jason Curmi<br>Segretarju Eżekuttiv |